MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2004

Numru 547/2001

**Il-Pulizija**

**Spettur Sandro Zarb**

**Spettur Stephen Micallef**

**v**

**VICTOR CALLEJA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **VICTOR CALLEJA** ta' wiehed u hamsin sena, bin John u Giorgia nee Grech, imwieled Naxxar nhar l-wiehed u tletin ta' Jannar 1951 u residenti 'The Old Vic House', Triq Willie Attard, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita numru 192551M, gie imressaq quddiemha akkuzat:

1. talli f'dawn l-ahhar xhur gewwa f'dawn il-Gzejjer iffalsifika sigilli, timbri jew marki ohra li qeghdin sabiex jissiggilaw, jittimbraw jew jimmarkaw fl-isem tal-Gvern jew tal-awtoritajiet tieghu, dokument jew oggetti ta' proprjeta pubblik ma jew li jkunu qeghdin taht l-kustodja pubblika jew xjentment ghamel uzu minn dawn s-sigilli, timbri jew marki wkoll jekk dan bl-uzu falz ta' ghodda vera;
2. talli matul dan l-istess zmien f'dawn il-Gzejjer, ircieva passaporti li gew trasferiti lilu minn persuni ohra.

Rat d-dokumenti kollha esibiti f'dawn l-atti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat erbatax ta' Settembru 2001 esibit fl-atti a fol 16 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li kif stqarr l-imputat waqt l-esami li sarlu skond dak li hemm mahsub fl-artikolu 370(4) nhar l-erbatax ta' Settembru 2001 li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti kif jirrizulta mill-verbal tal-Qorti.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Jannar 2003.

Ikkunsidrat:

Illi nhar **l-erbatax ta' Settembru 2001 l-Prosekuzzjoni ressqet lil Adel Omar Abdallah el Ahdar jixhed** fejn stqarr li kien jaf lil imputat peress li kien jghix fil-flat tieghu l-Marsa flimkien ma xi hbieb. Huwa kien jhallsu l-kera kull xahar fl-ammont ta' hamsa w ghoxrin lira maltin. Huwa qal li wasal Malta fis-sitta ta' Gunju 2001 ghalkemm il-passaport tieghu juri l-hamsa ta' Mejju 2001 u dan ghaliex l-imputat kien ghamillu timbru differenti fil-flat tieghu il-Marsa. Qal wkoll li jista jaghti l-kaz li l-imputat ghamillu wkoll t-tieni timbru bid-data tlieta w ghoxrin ta' April 2001. Huwa kkonferma li minn Malta ma harigx f'dan il-perjodu. Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni jekk rax lil imputat jaghmel t-timbru, in kontro ezami [fol 16] jghid li ma rahx u mistoqsi kif saru t-timbri jghid li ma nafx. Ix-xhud <u>in kontro ezami</u>

jbiddel il-versjoni tieghu u jghid li kien ta l-passaport tieghu lil imputat u wara jumejn l-imputat gablu l-passaport bit-timbri msemmija aktar 'l fuq. Mistoqsi mill-Qorti "jekk kien l-imputat li effettivament ghamel dawn t-timbri" ix-xhud jghid li 'ma jafx'.

In kontro ezami dan ix-xhud jghid li huwa kien gie mkecci minn Malta fil-passat u proprju fil-hamsa w ghoxrin ta' Mejju 2001. Hu spjiega li kellu miktub il-kelma "DEPORTED" a fol 18 tal-passaport tieghu pero siehbu kien hassrilu. Mistoqsi kif ghamel hekk ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf, pero siehbu qallu li kienet facli u li hija haga normali. Mistoqsi jekk kienx jaf lil Khaled Salem El Hadi Talouba x-xhud wiegeb fin-negattiv.

**Khaled Salem El Hadi Talouba xehed nhar l-erbatax ta' Settembru 2001** w ikkonferma li huwa kien jaf lil Adel Omar Abdallah el Ahdar ghaliex kien joqghod fl-appartament ta' tahtu ghal xi perjodu ta' xi xahrejn jew xahrejn u nofs. Stqarr wkoll li Adel Omar Abdallah el Ahdar kien jaf ismu.

Huwa stqarr li huwa wasal Malta nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 2001 kif hemm imnizzel a fol 34 tal-passaport tieghu esibit fl-atti, meta nghata visa ta' gimghatejn. Huwa kien ta l-passaport tieghu lil imputat u talbu jghamillu visa ghal tlett xhur u sussegwentement l-imputat irritornah bit-timbru tad-disgha w ghoxrin ta' Gunju 2001. Fix-xhieda tieghu ghal l-ewwel jghid li kellu timbru wiehed biss li kien falz izda meta gie mistoqsi mill-Qorti, jekk t-timbru tal-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 2001 a fol 46 kienx falz, wkoll ix-xhud wiegeb fl-affertamttiv.

Ix-xhud jispjiega u jghid li l-imputat tah lura l-passaport fil-presenza ta' certu Salem Mazer u Ahmed li kienu jghixu mieghu fil-flat w iddikjara li xi nies ohra minn Tripoli certu Halifa u Ahmed kienu jafu li l-imputat jaghmel dan ix-xoghol ta' timbri foloz.

Mistoqsi mid-Difiza ghaliex a fol 34 tal-passaport tieghu ghandu tibru mzelleg bil-biro, wiegeb li jista jkun kien fis-sakra u dahlu fil-qalziet w inhasel bih.

Mistoqsi jekk qattx ta l-passaport tieghu lil xi persuna maghrufa bl-isem "Mohammed", ix-xhud wiegeb fin-negattiv u zied jghid li "dejjem kien ikun fil-pussess tieghi."

**Khaled El Hadi Tuzan xehed nhar l-ghoxrin ta' Settembru 2001** w ikkonferma li Khaled Salem El Hadi Talouba kien jaf lil Mohammed u cioe dik il-persuna gharbija li kienet tbaghbas il-passaporti libjani w in oltre jghid li l-passaport ta' Adel Omar u dak ta' Khaled Salem gew wkoll imbaghbsin minn dan Mohammed [vide fol 55].

Mistoqsi jekk setghax kien l-imputat li ghamel t-tbaghbis, x-xhud cahad din l-asserzjoni b'mod kategoriku. Huwa qal li kiien ghadda l-passaport tieghu lil imputat personalment ghaliex haseb li setgha jitilfu jew johodulu xi hadd.

**L-Ispettur Sandro Zarb xehed** li Adel Omar Abdallah El Ahdar u Khaled El Sadi Salem Talouba kienu gew imwaqqfa fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fuq suspetti ta' timbri foloz fil-passaport taghhom. Huwa stqarr li meta interroga lil dawn il-persuni huma indikaw l-persuna tal-imputat bhala dik il-persuna li ghamlet t-timbri foloz fuq il-passaport taghhom kontra xi hlas.

**PC 1327 Anthony Galea, PC 596 Noel Grech u PS 985 Stephen Pace, qalu** li huma kienu mitluba jaghmlu search fir-residenza tal-imputat u fil-presenza tieghu nstabu zewg fotokopji ta' passaport ta' Abdel Mohammed N. Ayari u passaport ta' Khaled El Hadi oltre passaport iehor ta' Farag Mahled Osam go garaxx adjacenti mal-fond tieghu.

**L-imputat offra li jaghti d-deposizzjoni tieghu nbhar s-sebgha w ghoxrin ta' Jannar 2003** fejn spjiega li hu ghandu dar il-Marsa u jirhriha lil zewg minn nies differenti fl-istess hin ghaliex wiehed jokkupa fuq u l-iehor jokkupa isfel. Huwa kkonferma li Ahmed u Khaled kienu ghamlu xi zmien jghixu ghandu pero mhux fiz-zmien meta gew arrestati.

Huwa cahad li qatt ghamel xi xoghol in konnessjoni ma timbri foloz. Huwa pero ammetta li gieli jkollu passaporti ta' terzi persuni pero dawn jigu moghtija lilu b'mod voluntarju minn sidhom.

Illi din il-kawza tiddependi principalment fuq apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet opposti u cioe dik esposta mill-Prosekuzzjoni li qed tallega li l-imputat ghamel timbri foloz fil-passaport ta' nies ta' nazzjonalita gharbija u dik esposta mill-imputat li b'mod kategoriku jichad kull allegazzjoni li saret fil-konfront tieghu.

Fil-kamp penali dak li hu possibbli li jigri jew li possibbli li jista jigri, mhux prova ammissibbli. Il-prova li trid tiddecidi fuqhom il-Qorti huma dawk biss li jirrrizultaw fl-atti u kongetturi ta' fatti mhux ammessi. Barra minn hekk, huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tipprova li l-imputat mhux innocenti u dan trid taghmlu billi bil-provi taghha twassal lil min irid jiddecidi sa dak il-grad ta' konvinciment morali bla dubbju dettat mir-raguni. Minn naha tal-Prosekuzzjoni, allegazzjonijiet ta' x'setgha gara probabbilment jew possibilment ma jikkostitwixxu ebda prova valida. Mill-banda l-ohra, l-imputat presunt innocenti m'ghandu jipprova xejn, izda jekk jhoss li ghandu jipprova xi haga, dan jista jaghmlu anke jekk jasal sal-grad ta' probabilita. [vide **Il-Pulizija v Joseph Ciscaldi** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghaxra ta' Lulju 1998***]

Pero hawnhekk il-Qorti tispjiega li mhux dak kollu li jghid imputat minn fuq il-pedana tax-xhieda huwa necessarjament probabbli u johloq dubbju ragjonevoli fil-kaz ta' Prosekuzzjoni. Il-provi jridu jigu ezaminati fl-assjem taghhom [vide **Il-Pulizija v Geraldu Muscat** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn ta' Mejju 1997***].

Din il-Qorti kellha l-opportunita li tisma x-xhieda viva voce u qeghda f'qada favorevoli biex tifforma opinjoni objettivament korretta tal-kredibilita o meno tax-xhieda u dan billi ghamlet apprezzament dettaljat ai temini tal-artikolu 637(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta [vide **Il-**

**Pulizija v Leone Dimech** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmienja ta' Jannar 1999***].

Principalment l-imputat gie akkuzat bir-reat kif dispost fl-artikolu 172(1) tal-Kap 9 u cioe falsifikazzjoni ta' sigilli, timbri jew marki ohra tal-Gvern.

Issa, ma hemmx dubbju kif gie deciz fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta w ghorin ta' Jannar 1991*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Susan Sharon Hagerly**, li passaport ghandu jitqies bhala dokument pubbliku ai termini tal-artikolu 172.

Illi mill-provi prodotti ma jirizultax li t-timbri fuq il-passaport ta' nies ta' nazzjonalita gharbija li xehdu f'dawn l-atti kienu foloz u dan qed jinghad ghaliex kif ben tajjeb osservat d-Difiza, il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq lil Ufficjali tal-Immigrazzjoni li effettivament huma inkarigati mit-timbri numru 54, 66 u 53 biex jghidu li ma kienux huma li ttimbraw tali passaporti. In oltre, lanqas ma gie nominat xi espert sabiex jikkonferma l-falsita o meno ta' tali timbri. Illi di piu, ma ngabet ebda prova ufficjali biex tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li fil-granet indikati fil-passaporti ix-xhieda ma telqux minn Malta.

Illi x-xhieda tal-Prosekuzzjoni b'mod partikolari tan-nies ta' nazzjonalita gharbija li xehdu hija kontradittorja u konfliggenti u zgur mhux tali li l-Qorti tista toqghod fuqha u tistrieh li hija kredibbli minghajr d-dubjju ragjonevoli.

Illi lanqas ma jirrizulta li l-imputat ghamel uzu minn dan l-passaport u ghalhekk lanqas il-proviso [2] tal-artikolu 172 tal-Kap 9 ma jirrizulta.

Illi dwar l-akkuza l-ohra u cioe dik kontemplata fl-artikolu 3(b) tal-Kap 61, ma hemmx dubbju li l-imputat ircieva passaport minn persuna ohra.

Illi l-ligi ma tispecifika l-ebda cirkostanzi tali trasferiment u t-trasferiment per ser jikkostitwixxi reat.

**Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artikoli 172 u 176 tal-Kap 9 u l-artikolu 3(b) tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ma ssibx lil imputat VICTOR CALLEJA hati ta' falsifikazzjoni u tilliberah minn din l-akkuza pero tiddikjara li ssibu hati ta' trasferiment ta' passaport.**

**Dwar il-piena il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat li hija wahda pjuttost reflettarja b'disgha convictions registrati fuqha mill-1978 sal-1993, meta nstab hati ta' holdup, evazjoni ta' dazju, pussess ta' munizzjoni, pussess tal-medicina psikopatika Valium minghajr awtorizazzjoni tal-ligi fost akkuzi ohra. Illi huwa kien inghata fost l-ohrajn pieni ta' multi, habs probations u amendi.**

**Dan nonostante pero tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u cioe l-iskop ghat-trasferiment ta' dawn il-passaporti il-Qorti qed tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' tlett mitt lira maltin.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------